TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/139/14/S

Nadia Azzopardi
Vs
Reuben Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Institute of Management

Illum 8 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Nadia Azzopardiipprezentata fl-20 ta'Gunju,2014 u r-risposta tal-Malta Institute of Management ipprezentata fit-8 ta'Lulju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-16 ta'Lulju,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors li rrizulta li kien iktar tqil minn dak mistenni ghax ma bedhiex mill-'basic' kif allegatament intqal lir-rikorrenti filwaqt li kien hemm ukoll ilmenti fuq il-preparazzjoni ta min kien qed jghallem f'"module" partikolari;

Illi jinghad mal-ewwel li hija responsabilita ta' dak li jkun se jitlob servizz li jara sew li dak li se jiehu hu dak li effettivament ghandu bzonn jew jixtieq;

Illi kif gja kellu okkazjoni jishaq dan it-Tribunal, kulmin qieghed fil-qasam tal-edukazzjoni bhal intimati fil-kaz odjern ghandu jaghti informazzjoni cara, dettaljata u korretta dwar x'ikopri kors u ghalxiex jista' jintuza'. B'hekk il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghmel decizjoni infurmata;

Illi r-rikorrenti kienet qed issegwi 3 'modules' izda l-ilment sar fuq wiehed biss;

Illi jinghad ukoll li fl-applikazzjoni in kwistjoni, l-applikant u cioe r-rikorrenti, ddikjarat li ghandha 3 snin esperjenza fil-professjoni tal-'accountancy';

Illi skont il-president tal-Malta Institute of Management stess[2], kien tbiddel it-'tutor' wara xi ilmenti u ghalhekk jidhru li tali ilmenti kienu gustifikati;

Illi d-dokumentazzjoni pprezentata mir-rikorrenti (Dok A)[3] tikkonferma dan;

[2] Moghtija fis-seduta tas-16 ta'Lulju,2015.
[3] Prezentata waqt is-seduta tat-12 ta'Marzu,2015.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Illi ghalhekk l-ilment fuq 'module' wiehed daparti tar-rikorrenti jidher li hu gustifikat u t-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa' *in parte*;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta' Nadia Azzopardi filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Reuben Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Institute of Management u Jordna lil Malta Institute of Management thallas lil Nadia Azzopardi s-somma ta' €175, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-Malta Institute of Management.

Richard Sladden Av.
Arbitru